MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 3239/1996/2

**Gaetano u Mary Abdilla**

**v.**

**Joseph u Carmen konjugi Gauci,**
**John Mary u Doreen konjugi Cardona,**
**Tarcisio u Phillis konjugi Cardona**

**Il-Qorti:**

Rat illi din hi kawza intiza ghar-ritrattazzjoni tal-kawza fil-meritu deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fl-14 ta' Mejju,2010. Ghall-ahjar intendiment tal-kawza din il-Qorti sejra tipproduci fl-intier taghha s-sentenza fuq

riferita li tikkontjeni t-talbiet attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-17 ta' Novembru, 2005 u, ovvjament, is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Mejju, 2010.

"**Il-Qorti:**

"**Preliminari**

"Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti Joseph u Carmen konjugi Gauci <u>minn digriet interlokutorju</u> tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Novembru 2005 li bih cahdet it-talba taghhom biex tigi pprezentata eccezzjoni ulterjuri <u>u mis-sentenza finali moghtija mill-istess Qorti fis- 16 ta' Jannar 2008</u> li biha cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u laqghet it-talba attrici u kkundannathom ihallsu lill-attur is-somma ta' mija u erbgħa u sittin elf, mitejn u erbgħa u erbgħin Euro u tnax-il centeżmu tal-Euro (€164,244.12), ossija sebgħin elf, ħames mija u għaxar Liri Maltin (Lm70,510), bl-imgħaxijiet min-notifika tac-citazzjoni. Spejjez bla taxxa. Il-Qorti tordna wkoll li s-sentenza tigi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga jekk kienx hemm ksur tal-ligi u f'każ li dan jirriżultalu jieħu l-passi legali fil-konfront ta' dawk il-persuni li kienu responsabbli għal dan il-ksur

"Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht.

"**Il-Qorti;**

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-14 ta' Novembru, 1996 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

"Illi bi skrittura tad-19 ta' Mejju, 1991, Gaetano Abdilla silef is-somma ta' wieħed u sebgħin elf, sitt mija u ħamsin Lira Maltin (Lm71,650) lill-konvenuti solidament bejniethom għar-raġunijiet hemm indikati, liema self l-istess konvenuti ggarantew personalment u solidament.

"Illi l-istess skrittura kien miftiehem ukoll li l-imsemmija somma flus kellha tintradd lura lill-attur, jekk ma javverawx ruħhom il-kundizzjonijiet indikati fl-istess skrittura.

"Illi in effetti l-attur għandu indikazzjoni li tali kundizzjonijiet ma seħħewx u għalhekk l-imsemmija somma trid tintradd lura.

"Illi mill-imsemmija somma l-attur tħallas biss is-somma ta' elf, mija u erbgħin Lira Maltin (Lm1,140) u l-konvenuti debitament interpellati biex iroddu lura l-bilanċ tas-somma fuq imsemmija, baqgħu inadempjenti.

"Jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja li jekk jidhrilha opportun tiddikjara li l-kundizzjonijiet li taħthom sar is-self ma seħħewx,

"1. Tikkundanna l-konvenuti jħallsu s-somma ta' sebgħin elf, ħames mija u għaxar Lira Maltin (Lm70,510).

"Bl-ispejjeż inkluż dawk tat-22 ta' Novembru, 1991 u l-mandati relattivi ppreżentati kontestwalment u bl-imgħax mit-28 ta' Mejju, 1991 u l-konvenuti nġunti in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fis-27 ta' Ġunju, 1997 li permezz tagħha l-konvenuti Joseph u Carmen konjuġi Gauci eċċepew:

"1. Illi l-pretensjonijiet attriċi huma insostenibbli għax huma afflitti minn kawża illeċita, u dan għaliex huma kontra d-disposizzjonijiet valutarji tal-Exchange Control Act;

"2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, il-pretensjonijiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-self allegat tas-somma ta' sebgħin elf, ħames mija u għaxar Liri Maltin (Lm70,510) mill-atturi lill-konvenut Joseph Gauci qatt ma sar, dan jirriżulta ċar mill-iskrittura privata bejn l-attur Gaetano Abdilla u l-konvenut Joseph Gauci tad-19 ta' Lulju, 1992 (Dok. GA) quddiem ix-xhud

Joseph A. Dingli, b'hekk illi hemm rinunzja ċara u univoka tal-allegazzjonijiet u/jew pretensjonijiet attriċi; dan qed jingħad mingħajr ammissjoni ta' responsabbilta';

"3. Illi l-iskrittura privata miġjuba bħala prova mill-atturi u annessa maċ-ċitazzjoni markata Dok. B, bejn l-attur Gaetano Abdilla u l-konvenut Joseph Gauci, datata 19 ta' Frar, 1993 tirreferi għal self ta' tmint elef u tliet mitt Lira Maltin (Lm8,300) u kienet separata u distinta mill-allegat self ta' sebgħin elf, ħames mija u għaxar Liri Maltin (Lm70,510), u għalhekk iż-żewġ kwistjonijiet m'għandhom xejn x'jaqsmu ma' xulxin, tant illi b'Att tal-1 ta' Novembru, 1994 l-iskrittura privata tad-19 ta' Frar, 1993 (għas-somma ta' tmint elef u tliet mitt Lira Maltin {Lm8,300}) ġiet kanċellata; illi t-tentattiv tal-atturi li jorbtu ż-żewġ kwistjonijiet flimkien ma setax ħlief sar b'malizzja *ai danni* tal-konvenuti; illi għal din l-iskrittura privata l-konvenut Joseph Gauci kien qed jaġixxi f'kapaċita' professjonali; illi dan kollu se jirriżulta mill-provi;

"4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess ma jistax ikun hemm solidarjeta' passiva bejn il-konvenuti;

"Salvi eċċezzjonijiet oħra.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Joseph u Carmen konjuġi Gauci maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fil-5 ta' Frar, 1998, li permezz tagħha l-konvenuti Tarcisio u Phillis konjuġi Cardona eċċepew:

"1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż peress illi s-self allegat ta' wieħed u sebgħin elf, sitt mija u ħamsin Lira Maltin (Lm71,650) mill-atturi lill-esponenti u lill-konvenuti l-oħra effettivament qatt ma seħħ, liema stat ta' fatt ġie wkoll ikkjarifikat u kkonfermat, b'riżultat tal-iskrittura privata bejn l-attur Gaetano Abdilla u l-konvenut Joseph Gauci tal-14 ta' Lulju, 1992, liema skrittura ġiet debitament iffirmata fil-preżenza tax-xhud Joseph A. Dingli, u *inoltre* anke li kieku effettivament sar l-allegat self, l-azzjoni odjerna hija

preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta.

"2. Illi in subidju u bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma insostenibbli, in vista tal-fatt illi l-allegata transazzjoni hija kontra d-disposizzjonijiet tal-Exchange Control Act.

"3. Illi l-iskrittura privata tad-19 ta' Frar, 1993 annessa maċ-ċitazzjoni u mmarkata bħala Dok. B tikkonċerna kwistjoni kompletament distinta mill-allegat self ta' wieħed u sebgħin elf, sitt mija u ħamsin Lira Maltin (Lm71,650) u li l-esponenti la kienu parti u lanqas kienu a konoxxenza tal-imsemmija skrittura u li *inoltre* tali pretensjoni ġiet sussegwentement kanċellata skond ma jirriżulta mid-dokument anness maċ-ċitazzjoni u mmarkat bħala Dok. C.

"4. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Tarcisio u Phillis konjuġi Cardona maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Semgħet il-provi;

"Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru, 2007 li permezz tagħha l-kawża tħalliet għas-sentenza.

"Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

"Ikkunsidrat;

"Illi l-attur qed jibbaża t-talba tiegħu fuq skrittura li saret bejn il-partijiet u esebita maċ-ċitazzjoni fejn ġie ddikjarat illi l-attur kien silifhom is-somma ta' wieħed u sebgħin elf, sitt mija, ħamsa u disgħin Liri Maltin (Lm71,659). Da parti tagħhom il-konvenuti qed iwieġbu b'diversi eċċezzjonijiet, ħafna minnhom ta' natura legali. Huwa importanti li qabel kollox il-Qorti tirriassumi l-fatti kif ġew esposti quddiemha.

"Kif *gia`* ingħad l-attur esebixxa kopja tal-iskrittura (Dok. 'A') a fol 5. F'din il-kitba, datata 19 ta' Mejju, 1991 (waqt il-

ġbir tal-provi ssemmiet ukoll is-sena 1990), il-partijiet iddikjaraw li jaqblu wkoll li l-ammont li għandu jitħallas lura lill-attur hu ta' mitejn elf Lira Maltin (Lm200,000), *parti huwa s-somma mislufa u l-bilanċ bħala qligħ mill-operazzjoni li s-Sinjuri Cardona għamlu fin-Niġerja ma' Nigerian Petroloeum Corporation.* Il-konvenuti għamlu *ġaranzija personali favur Gaetano Abdilla.* Id-dokumenti l-oħra esebiti mill-attur huma skrittura bejnu u l-konvenut Gauci fejn kien sellfu tmint elef u tliet mitt Lira Maltin (Lm8,300) fid-19 ta' Frar, 1993. Dan kellu jħallsu lura malli jbigħ biċċa art Ħal Luqa. Fl-1 ta' Novembru, 1994 imbagħad l-attur ikkonsenta għall-kanċellament għal ipoteka li kellu favur tiegħu fil-konfront ta' Gauci ftit qabel in konnessjoni ma' l-istess self li sar fl-10 ta' Frar, 1993.

"Gauci man-nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu ppreżenta dokument u *cioe'* skrittura li saret fid-19 ta' Lulju, 1992 fejn ġie dikjarat illi *I Gaetano Abdilla renounce* (sic) *completely from any legal rights which may arise against all parties involved for the private writing dated __________ since the funds mentioned in Maltese Liri were never advanced in total nor any part of, I also declare that funds advanced in foreign currency Mr. Tarcisio Cardona were not related to the above mentioned private writing and were of risk capital nature and that Mr. Joseph Gauci acted only in his professional capacit as regards these funds. Following instructions given by Messrs Cardona and myself.* Dan intqal f'kuntest fejn Gauci għadda bħala pleġġ favur l-attur, polza ta' assikurazzjoni dwar ħajtu, u ddikjara li kien qed jagħmel dan volonarjament u *under no obligations and that it can be terminated or pledged to other parties without notice.*

"A fol 47 l-attur ippreżenta affidavit tiegħu u ta' Dennis Muscat. Huwa qal li huwa kien spiss jislef lil Gauci li kien l-awditur tiegħu u tal-familja tiegħu għal bosta snin. F'Mejju 1991 kien qallu li kellu bżonn is-somma ta' wieħed u sebgħin elf, sitt mija u ħamsin Lira Maltin (Lm71,650) għal ġimgħa biss. Billi qatt ma kellu problemi miegħu mar ikellmu d-dar tiegħu u sab li kien hemm il-konvenuti l-oħra; Gauci introduċihom lill-attur u qal illi hu kien bi sħab magħhom fuq proġett u li l-flus kellu bżonnhom għalhekk.

L-attur aċċetta u billi lill-aħwa Cardona ma kienx jafhom talab li ssir skrittura li fil-fatt saret u hija d-Dokument A li *gia*` issemma. Billi l-flus kellhom jintraddu sat-28 ta' Mejju, 1991 u dan ma sarx huwa talab lil Gauci li jagħtih flusu lura iżda dan qallu li ma setax, biss assikurah li ma kellux idum biex jagħmel dan. Wara ftit mar ikellem lill-*manager* tal-Bank tiegħu, Dennis Muscat u dan fil-preżenza ta' Gauci rrabja ħafna meta sar jaf li l-flus intbagħtu n-Niġerja u nsista ma' l-attur li jagħmel *stop payment* (jidher li kien *gia*` tard wisq). Gauci pero` baqa' jassikura lill-attur li l-flus kien se jeħodhom. Talbu tletin elf Lira Maltin (Lm30,000) oħra iżda l-attur irrifjuta. Wara sar jaf li ħadhom mingħand ċertu Silvio Buttiġieg. Ftit wara Gauci qallu li l-flus kien tilifhom għaliex l-aħwa Cardona kienu falluti. Offra li jirhan favur tiegħu l-polza ta' assikurazzjoni msemmija u ġiet iffirmata skrittura. Kien hemm xi problema minħabba l-mod kif saret l-iskrittura u saru oħrajn iżda l-attur qatt ma reġa' rahom. Mis-self l-attur qal li rċieva biss elf, mija u erbgħin Lira Maltin (Lm1,140). Rigward l-iskrittura ta' Lulju 1992 huwa ċaħad li qatt iffirmaha kif esebita u qal li kien iffirma biss rigward il-polza u jiftakar li l-firem saru ħafna iktar 'l isfel mill-kitba. John Dingli *accountant* illi ċċertifika l-kopja ma kienx preżenti, skond l-attur. Huwa qatt ma kellu kopja ta' dik l-iskrittura. Ġew ukoll esebiti a fol 52 *et sequitur*, diversi ittri fir-rigward tal-polza u ittri legali li ġew skambjati qabel infetħet il-kawża.

"Fl-affidavit tiegħu, Dennis Muscat qal li l-attur kien ċempillu darba fl-1991 u qallu li ried ikellmu malajr fil-preżenza ta' Joseph Gauci. Kien jafhom it-tnejn u Abdilla qallu x'kien ġara. X'ħin sar jaf bin-Niġerja huwa rrabja ħafna għaliex kien jaf li n-negozju li jinvolvi n-Niġerja huwa biss frodi. Qallu li kien miġnun li silef is-somma msemmija u wkoll qallu biex ma joħroġx iktar flus u wera *cutting* minn gazzetta estera lill-partijiet quddiemu rigward qerq li jsir min-Niġerja. Qal lill-attur li l-konvenuti Cardona kienu fallew u skond hu dan Gauci kien jafu. Qal lil Gauci li kien messu jżomm mal-professjoni tiegħu u ma jidħolx f'affarijiet ta' finanzi u investiment li ma kienx jifhem daqshekk fihom. Ftit ġimgħat wara ltaqa' ma ċertu Silvio Buttigeg u sar jaf mingħandu li dan kien silef il-kumplament tal-flus mitluba minn Gauci.

“Il-konvenut John Mary Cardona ppreżenta affidavit (apparentement fil-fatt ġie preżentat mill-attur) a fol 62. Huwa qal li fl-1991 kellhom offerta biex jidħlu għal proġett fin-Niġerja għal tħaffir ta’ trinek. Talab il-parir ta’ Gauci li kien l-awditur tagħhom u dan tahom parir li jidħlu għalih u beda jikkorrispondi man-Niġerjani fir-rigward. Dawn qalulhom li kellhom bżonn jiftħu kumpanija hemmhekk u talbuhom ċirka mitt elf Lira Maltin (Lm100,000) għal dan l-iskop. Billi ma kellhomx dawn il-flus Gauci offra li jlaqqagħhom ma’ l-attur biex iġibhomlhom b’self mingħandu. Gauci kkonvinċa lill-attur wara ħafna diskussjonijiet u saret l-iskrittura (Dok. ‘A’). Ikkonferma li ssellfu flus oħra mingħand l-imsemmi Silvio Buttiġieg billi n-Niġerjani talbuhom iktar flus. Spjega mbagħad bid-dettal kif ġew truffati minnhom. Qal ukoll li Gauci kien qallu wara li kien żied xi kliem fuq il-firma tal-attur fir-rigward tal-iskrittura tal-1993.

“A fol 88 xehed in-Nutar Bugeja li kien irrediġa l-iskrittura ta’ Frar 1993 u l-kanċellament. L-importanza ta’ din l-iskrittura fir-rigward ta’ din il-kawża hija biss li hemm referenza għal *flus oħra mislufa brevi menu mill-kreditur lid-debitur fid-19 ta’ Mejju, 1991.* Għalkemm in-Nutar kien jaf li kien hemm xi negozju preċedenti ma kienx jaf x’kien. Fl-istess seduta (22 ta’ Ottubru, 2001) xehed John Dingli li qal li l-attur kien klijent tad-ditta ta’ awdituri li kien jaħdem magħha u li Gauci kien wieħed mill-imsieħba f’dik id-ditta. Qal illi ffirma bħala xhud l-iskrittura *gia*` imsemmija. L-attur u Gauci kienu f’uffiċju u dan sejjaħlu biex jiffirmaha; pero` m’għandux idea fejn hija l-oriġinali tagħha. Iktar tard qalulu (anzi qallu Gauci) biex jiċċertifikha li kienet kopja vera. Dan sar fl-1996. Qal li għalkemm fl-1992 iffirma fuq l-oriġinal ma jafx jekk fl-1996 għamilx il-firma tiegħu fuq l-oriġinal.

“Fis-seduta tal-5 ta’ Diċembru, 2001 xehed Renald Micallef li qal li kien ukoll partner mal-konveut Gauci fid-ditta ta’ *accountants* u l-attur għadu klijent tiegħu. Fl-1996 dan mar ikellmu u qallu li kien inkwetat li Jimmy Cardona qallu li Gauci kien bagħbas skrittura u ma kienx se jħallsu. Dak il-hin kellmu lil Dingli li qalilhom li ma jiftakarx fuq

x'hiex kien iffirma. Saviour Buttiġieg ikkonferma li kien silef lil Gauci ħamsin elf Lira Sterlini fiż-żmien in kwistjoni u kien jaf li dawn sejrin in-Niġerja għax dan qallu li kien irnexxielu jagħmel kuntatt fuq bejgħ ta' żejt. Minn dawn ħa biss lura tnax-il elf Lira Maltin (Lm12,000). Wara xi żmien sar jaf lill-attur u sar jaf bl-istorja tiegħu.

"Micallef reġa' xehed a fol 132 fejn qal li fl-1990 jew 1991 kien irċieva telefonata minn barra fejn staqsew jekk l-attur kienx ta struzzjonijiet biex isir trasferiment ta' xi fondi tiegħu mill-Ingilterra għan-Niġerja. Billi sa dakinhar ma kien jaf b'xejn bagħat għall-attur u staqsih għaliex ma kienx qallu; dan qallu li Gauci kien qallu biex iżomm kollox sigriet. Qal li meta Gauci mar in-Niġerja ma' l-aħwa Cardona kien qallu li sejjer l-Italja.

"A fol 146 xehed Joseph Bonello li qal li huwa *broker* u konsulent finanzjarju. Qal li kien involut meta Gauci ħareġ il-polza ta' assikurazzjoni li kien qallu fl-1993 biex jagħmel lill-attur benefiċċarju tagħha. Ikkonferma li lill-attur kien qallu li biex ikun kopert kellu jkun hemm assenjazzjoni tal-polza. Qal li jiftakar li kien hemm somma dovuta lill-attur da parti ta' Gauci u din it-transazzjoni saret biex jekk jiġri xi ħaġa lill-Gauci l-attur ikollu xi ħaġa f'idejh.

"L-attur ippreżenta wkoll affidavit tal-avukat tiegħu Dr Jose' Herrera illi spjega x'ġara qabel ġiet preżentata l-kawża. Qal li l-attur avviċinah fl-1992 jew 1993 u saret laqgħa fl-uffiċju tiegħu bejn l-attur u l-konvenut Gauci. Dan ammetta li kellu jagħti l-flus lill-attur u qallu li kellu jħallsu fil-futur. Insista pero` li jħallas meta timmatura l-polza ta' assikurazzjoni u allura Dr. Herrera ta parir lill-attur biex ma jaċċettax din il-kundizzjoni u allura l-ftehim ma seħħx. F'Marzu 1993 jaf li Gauci għadda seba' mitt Lira Maltin (Lm700) lill-attur akkont. Saret laqgħa oħra f'Mejju 1993 u Gauci baqa' jittama lill-attur. Dr. Herrera ppropona skema ta' ħlas lura (fol 167). Gauci pero` ċempillu ftit wara u qallu li ma kienx aċċetta. Ftit wara kitiblu Dr. Sciriha għan nom ta' Gauci fejn qallu li dak li kienu qed jiddiskutu ma kienx proponibbli għaliex il-partijiet skond hu kienu ftehmu. Dr. Herrera qal li qatt ma kien issemma dan il-ftehim fin-

negozjati u ra l-iskrittura in kwistjoni fejn l-attur irrinunzja għad-drittijiet tiegħu fil-kors tal-kawża.

"Il-konvenut Gauci ppreżenta affidavit tiegħu a fol 172. Insista li kull ma għamel kien li ressaq lill-konvenuti l-oħra ma' l-attur biex dan jgħaddilhom il-flus. Dawn għaddihomlhom *tramite* ċekk fuq bank Ingliż u fi Sterlini minn kont li l-attur kellu ma' missieru u ħutu. Fi ftit kliem huwa nsista li l-attur kien aċċetta li jissogra flusu u allura ladarba dawn intilfu ma kien hemm xejn x'wieħed jagħmel. Qal li lill-attur kien qallgħu ħafna flus permezz ta' transazzjonijiet oħra. *Oltre* dan l-attur kien aċċetta li jieħu favur tiegħu l-polza ta' assikurazzjoni fuq ħajjet Gauci stess u li l-attur kien aċċetta li ma jiħux passi legali kontra tiegħu. Esebixxa numru ta' dokumenti biex juri kif saret it-transazzjoni (fol 176 *et sequitur*).

"Għandu jingħad li f'dan l-istadju l-Qorti fuq talba tal-attur ordnat lill-konvenut Gauci biex jesebixxi r-rinunzja fid-dokument oriġinali tagħha iżda dan baqa' jinsisti li din kienet għand l-attur (digriet tat-28 ta' Lulju, 2004). Huwa anke esebixxa ittra li kien bagħat lill-Avukat tiegħu Dottor Sciriha fl-1992 fejn qallu li l-oriġinal qegħda għand Abdilla (fol 284).

"Fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2004 rega' xehed Joseph Bonello dwar il-polza ta' assikurazzjoni msemmija u dan qal li l-*premia* kien ilhom ma jitħallsu seba' snin iżda l-polza kienet sa dakinhar għadha *in vigore* fi kliemu *bi ftit.*

"L-attur ġie kontro-eżaminat fis-seduta tad-9 ta' Mejju, 2005 u baqa' jinsisti li d-dokument a fol 18 ġie imbagħbas kif *gia`* ingħad u li sar jaf biż-żieda waqt il-kors tal-kawża. Dan il-kontro-eżami kien fit-tul u sarulu diversi domandi mid-difensuri tal-konvenuti. Qal li għalkemm il-flus ittieħdu minn kont li kien ukoll f'isem missieru u ħutu huwa kellu l-awtorita' li jiżbanka iżda ħallas lura dak li żbanka lil qrabatu msemmija. Ikkonferma li kien qed jistenna jitħallas mitejn elf Lira Maltin (Lm200,000) u mhux wieħed u sebgħin elf Lira Maltin (Lm71,000) meta għadda l-flus lill-konvenuti, u meta mistoqsi kienx jaf minn fejn se jġibuhom qal li dik ma kinitx affari tiegħu. Fl-istess seduta

xehed ukoll uffiċjal tal-Bank Ċentrali li kkonferma li ma kienx hemm awtorizzazzjoni għat-transazzjoni in kwistjoni u għal darb'oħra Joseph Dingli li pero` qal li ma kienx jiftakar xejn ħlief li kien issejjaħ biex jagħmilha ta' xhud għal ftehim a fol 18. Reġa' xehed ukoll Joseph Bonello.

"L-attur issejjaħ in subizzjoni fis-seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005 illi rrepeta li ħallas lura lil ħutu u missieru l-flus li ġibed mill-kont imsemmi. In-Nutar Pierre Falzon xehed li huwa ttransunta kopja tal-ftehim a fol 18 u mhux l-oriġinal; ġie inkarigat mill-konvenut Gauci. Ġie transuntat ukoll id-dokument a fol 265 fejn Gauci awtorizza lis-soċjeta' assikuratriċi tagħti kull informazzjoni li xtaq l-attur dwar il-polza. Id-dokumenti msemmija ġew transuntati fl-2004. Reġa' xehed ukoll in-Nutar Bugeja.

"F'dan l-istadju l-attur ippreżenta rikors (fol 1 tat-tielet volum) fejn talab li jiġi sfilzat id-dokument H1 iżda dan ma ġiex notifikat lill-konvenuti kif ordnat mill-Qorti li allura ma setgħetx tagħti digriet fir-rigward. Talba biex il-konvenut jippreżenta eċċezzjoni ulterjuri fis-sens li l-fondi in kwistjoni ma kinux jappartjenu kollha lill-attur ġiet miċħuda fis-17 ta' Novembru, 2005.

"Gauci esebixxa a fol 9 tat-tielet volum ri-assunt tal-fatti skond hu. Huwa xehed ukoll fit-23 ta' Jannar, 2006 dwar dan ir-riassunt. Importanti dak li qal a fol 34 – *kont ilni sentejn inħallasha* (il-polza) *... qabel ma fetaħ il-kawża u kellu jieħu l-istess somma ta' flus, kieku sa llum ... diġa' hemm xi sebgħin elf (70,000) Lira Sterlina, imma dawn ma ridux u riedu jagħmlu l-kawża wara li kien hemm il-ftehim u kollox. Allura jien niġi li ftaħt il-polza u għamilthielu hekk u għamiltlu polza biex jieħu sebgħin elf (70,000 )Lira Sterlina. Dan l-argument tiegħi u m'għandix għalfejn ngħid aktar.* Mistoqsi minn Dr. Herrera għaliex ma żammx l-oriġinal tar-rinunzja qal li kien konvint li l-attur se jagħtih kopja għaliex fdah. Kien moħħu mistrieħ li kellu kopja. Lill-attur qallgħu ħafna flus billi kien jeħodlu n-nies biex jissellfu mingħandu b'imgħax sostanzjali. L-attur ukoll reġa' xehed f'din is-seduta u kkonferma li kien ħallas bi Sterlina mill-kont li *gia*` ssemma. Qrabatu pero` ma kinux

parti min-negozju in kwistjoni. Il-profitt pero` kien se jieħdu hu biss.

“L-attur reġa’ xehed in subizzjoni fis-seduta tat-8 ta’ Novembru, 2006 pero` ma ħareġ xejn ġdid minn din id-deposizzjoni li għandu xi relevanza f’din il-kawża. Ġiet esebita skrittura a fol 74 li kienet abbozz ta’ ftehim bejn l-attur u l-konvenuti Cardona iżda jidher li dan il-ftehim ma seħħx. Fis-seduta tal-5 ta’ Frar, 2007 imbagħad xehed il-konvenut Jimmy Cardona li kkonferma li kien Gauci li laqqagħhom ma’ l-attur. Il-ftehim kien li l-attur jagħtihom ċirka sebgħin elf Lira Maltin (Lm70,000) u jagħtuh mitejn elf Lira Maltin (Lm200,000) lura fi ftit żmien. Riedu l-flus biex jiffinalizzaw proġett li kienu bdew. Ikkonferma wkoll li meta ntalbu iktar flus u l-attur ma kienx lest jagħtihom aktar issellfu mingħand Silvio Buttiġieg. Il-flus hu qatt ma rahom b’għajnejh iżda għaddew permezz tal-Banek lejn in-Niġerja u fi ftit kliem huma ġew frodati minn dawn il-persuni. Magħfus fejn u kif jaf li Gauci żied xi paragrafi mal-ftehim *gia`* imsemmi qal li ma jiftakarx kif jafha wara daqshekk żmien pero` hu ma kienx preżenti meta sar dan. Ftakar pero` li huma ffirmaw l-iskrittura a fol 5 li fuqha qed issir il-kawża. Kontro-eżaminat ulterjorment qal li kien infetaħ kont f’Malta biex l-attur jiżbankah meta jkunu għaddew il-flus mitejn elf Lira Maltin (Lm200,000). L-attur għalhekk tilef is-somma li kien għaddielhom. Huma tilfu wkoll somma konsiderevoli waqt li Gauci ma ħariġx flus iżda għamel xi spejjeż ta’ *faxes* u ħin mitluf.

“Kif *gia`* ingħad il-partijiet li kkontestaw il-kawża (John May *sive* Jimmy Cardona baqa’ kontumaċi) ippreżentaw noti tal-osservazzjonijiet esawrjenti. L-eċċezzjonijiet tal-konvenuti jistgħu jiġu riassunti hekk; Gauci qed jeċċepixxi l-kawża lleċita u li s-self pretiż qatt ma sar u l-attur irrinunzja għall-pretensjonijiet tiegħu permezz tal-iskrittura tad-19 ta’ Lulju 1992 u li ma jistax ikun hemm solidarjeta’ passiva bejn il-konvenuti; il-konjuġi Tarcisio u Phillis Cardona li s-self kif allegat ma sarx, il-kawża lleċita billi t-transazzjoni saret kontra l-provvediment tal-Exchange Control Act u l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artiklu 2156 tal-Kapitlu 16.

"Il-konvenuti wkoll kollha eċċepew li l-ftehim tad-19 ta' Frar 1993 m'għandu x'jaqsam xejn mal-mertu tal-kawża u l-Qorti hawn ma tistax ma taqbilx magħhom – iżda **sa ċertu punt**. Dik l-iskrittura għandha rilevanza fuq il-fatt li jissemma li Gauci kien ukoll debitur tal-attur f'somma oħra (appuntu l-ammont mitlub f'din il-kawża) u għalhekk għandha *semmai* valur probatorju, *sia pure* importanti. Mill-bqija, pero` huwa veru li *ut sic* m'għandha x'taqsam xejn.

"L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni proposta mill-konvenuti Cardona hija dik tal-ħames snin li tirrigwarda azzjonijiet għal ħlas lura ta' flus mogħtija b'self taħt is-sub-inċiż (e) billi dawn ma rriżultawx minn att pubbliku. Kif gia` ingħad l-iskrittura saret f'Mejju 1991; u fit-22 ta' Novembru, 1991 l-attur innotifika lill-konvenuti kollha b'ittra uffiċjali li ġiet notifikata (kopja tagħha ġiet esebita a fol 178 tat-tielet volum). Jirriżulta wkoll li s-somma ta' erba' mija u erbgħin Lira Maltin (Lm440) akkont ta' din l-iskrittura ġew imħallsa meta sar il-kanċellament tal-ipoteka rigwardanti s-self l-ieħor u dan kien fl-1994. Għalhekk ċertament il-preskrizzjoni ġiet interrotta u l-kawża ġiet istitwita fl-1996. Kwindi din l-eċċezzjoni se tiġi miċħuda. Kif qal l-attur fin-nota tiegħu, l-Artiklu 1100 tal-Kapitlu 16 jagħmilha ċara li l-aċċettazzjoni tad-dejn minn debitur solidali tikser il-preskrizzjoni anke fil-konfront tad-debituri l-oħra solidali u l-iskrittura tagħmilha cara li d-debituri kienu tali solidalment bejniethom. Dan għalhekk ifisser ukoll li l-eċċezzjoni l-oħra ta' Gauci fir-rigward tas-solidarjeta' tal-konvenuti hija infondata u għandha tiġi respinta.

"L-eċċezzjoni tal-kawża lleċita timmerita approfondiment wisq ikbar. Kif sewwa qalu l-konvenuti l-Artiklu 987 tal-Kapitlu 16 jgħid li obligazzjoni *magħmula fuq kawża llecita* m'għandiex effett. Il-Qrati tagħna kellhom ukoll diversi okkażjonijiet jippronunzjaw ruħhom dwar dan. Fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet Perit Raymond Vassallo vs Anthony Cuschieri mogħtija fit-18 ta' Mejju, 1993 din il-Qorti qalet illi;

*"Hija bla effett kwalunkwe obligazzjoni magħmula fil-kawża llecita u l-kawża hija lleċita meta projbita mil-liġi jew*

*kontrarju għall-għemil xieraq jew għall-ordni pubbliku u l-konvenzjoni hija kontra l-ordni pubbliku meta hija kontra l-interess ġenerali. Il-kwistjoni tal-legalita' jew le tal-konvenzjoni minħabba kawża lleċita tista' tiġi sollevata mill-Qorti ex ufficio (Vol XLI- P I pagna 684 u 694).*

*"Ġie ukoll ritenut illi l-leġislazzjoni ta' natura fiskali hi minnha nnifisiha ta' ordni pubbliku in kwantu hu presunt li saret fl-interess komuni.*

*"Quando il fatto e' illecito la legge non riconosce alcun effeto alla convenzione; e' una obligazione fondata su causa illecita, poiche' la causa si confone coll; oggetto dei contratti; e quando la causa e' illecita ' obligazione e' inesistente e non po avere alcun effetto' – Laurent Vol XXVII para. 402.*

*"Skrittura li toħloq obligazzjonijiet illeċiti in kwantu jikkontemplaw sitwazzjonijiet li huma pprojbiti mil-liġi jew kontrarju għall-ordni pubbliku ma tista' titnissel minnha ebda azzjoni ċivili."*

"Din is-sentenza pero` għandha ħafna fatti li jixxiebhu ma' din il-kawża; kienet dwar esekuzzjoni ta' konvenju u l-konvenut eċċepixxa li l-attur kien se jħallas parti mill-prezz f'munita estera u kwindi bi ksur tal-liġijiet tal-Kambju u bla permess neċessarju mill-Bank Ċentrali. Il-Qorti dwar dan qalet hekk;

*"Il-Qorti jidhrilha li li l-illeċita' ma toħroġx ut sic miċ-ċirkostanzi tal-metodu u modalita' tal-pagament tal-prezz mifthiehem. Dan għaliex bħala fatt jirriżulta li dak illi l-partijiet kienu qegħdin jiftehmu in relazzjoni tal-liġi dwar kif kellu jiġi mħallas il-prezz ma kienx jifforma parti mill-konvenju u ma ġie bl-ebda mod stipulat bħala kundizzjoni tiegħu. Dan iffisser li l-attur kellu kull dritt jiddesisti mill-intenzjoni tiegħu ... li jivvjola l-liġijiet fiskali."*

"Dan il-prinċipju fil-fehma tal-Qorti japplika wkoll għal dan il-każ ħlief forsi għall-aħħar sentenza billi jidher li l-attur kien *gia`* ivversa l-flus bil-metodu msemmi. L-istess bħal fil-kawża msemmija, il-modalita' tas-self hija ħaġa

marġinali u ma tirrigwardjax il-ftehim *ut sic*. Il-kawża tal-kuntratt ta' self (u l-azzjoni attriċi hija bbażata fuq hekk) hija li l-kreditur jgħaddi l-flus lid-debitur bil-promessa li jitħallas lura. Kieku l-ftehim impona bħala mod ta' ħlas li jsir *tramite* operazzjonijiet li jiksru l-liġi, il-Qorti kien ċertament ikollha ripensament. Iżda kif *gia`* ingħad il-*modus* tal-ħlas lanqas biss issemma fil-ftehim. Huwa minnu wkoll li l-attur kien se jieħu imgħax esorbitanti kieku l-operazzjoni rnexxiet iżda huwa ma huwiex qed jitlob xejn ħlief il-flus li vversa. Anke fejn il-liġi tagħna tipprojbixxi l-użura tagħmilha cara li l-kreditur jista' jitlob biss il-ħlas lura tal-flus li jkun ħareġ (kif qed jagħmel l-attur) u mhux iktar mill-imgħax konsentit mil-liġi – u l-attur lanqas dan m'huwa jitlob (Artiklu 1852 tal-Kapitlu 16). Għalhekk il-Qorti se tiċħad l-eċċezzjoni in kwistjoni iżda se tieħu l-passi xierqa kif se jingħad iktar 'l isfel.

"Kwantu mbagħad għall-allegazzjoni tal-konvenuti li l-attur kien qed jipparteċipa fi skema li sfortunatament falliet il-Qorti ma tħossx li mill-kumpless tal-provi dan huwa verosimili. Lill-attur kien jinteressah li mill-flus li għadda fi ftit ġimgħat jieħu kważi t-triplu. *Oltre* dan meta l-konvenuti ffirmaw l-iskrittura kienu jafu x'qegħdin jagħmlu u ddikjaraw li ssellfu dik is-somma. Jista' jkun illi Gauci ma ħa xejn mill-flus iżda għażel li jagħmilha ta' garanti solidali għaliex kien hu li kkonvinċa lill-attur biex jivversa l-flus u allura ma jistax issa jiġi jgħid li l-attur kien jaf li qed jissogra flusu b'dak il-mod. Il-konvenuti ħadu l-flus biex huma wkoll mingħalihom isiru sinjuri u ġew truffati. Ladarba għażlu li jiffirmaw l-iskrittura għandhom iwieġbu għall-konsegwenzi li ġġib magħha u l-istess skrittura tindika bl-iktar mod ċar li l-attur **sellef il-flus u mhux investihom**.

"Jibqa' allura l-iskrittura esebita mill-konvenut Gauci fejn jidher li l-attur irrinunzja għall-azzjonijiet legali fil-konfront tiegħu. Dan sar preżenzjalment mal-garanzija *tramite* l-polza tal-assikurazzjoni li dwarha *gia`* ingħad ħafna. L-ewwel nett il-Qorti hija perplessa kif din l-iskrittura qatt ma ġiet esebita fl-oriġinal tagħha bl-attur jinsisti li ġew miżjuda ż-żewġ paragrafi finali. Gauci kellu kull interess li jżomm l-oriġinal u mhux verosimili li huwa ta l-oriġinal lill-attur meta

l-*posta in palio* kienet daqshekk kbira. Huwa minnu pero` li anke l-attur kellu interess iżomm l-oriġinal anke jekk l-iktar ħaġa importanti għalih kien li jkollu l-polza f'idejh u lanqas din ma ġiet esebita. Jirriżulta pero` li parti importanti minn dan il-ftehim kienet l-assenjazzjoni tal-polza u rriżulta mill-provi li l-*premia* ma baqgħux jitħallsu minn seba' snin lil hawn. Għalhekk din il-polza waslet biex tintemm għal kollox jekk mhux *gia`* ntemmet. Kien fl-interess tal-konvenut Gauci fiċ-ċirkostanzi li jibqa' jżomm *in vigore* l-polza u jġib il-provi fir-rigward. Għalhekk anke jekk din l-iskrittura ġiet iffirmata kif prodotta, kundizzjoni importanti minnha ntemmet u kwindi l-attur ġie mingħajr garanzija ta' xejn. Kollox ma' kollox il-Qorti tħoss li l-verżjoni tal-attur f'dan ir-rigward hija iktar verosimili anke minħabba l-fatt li fl-kuntratt li sar wara quddiem in-Nutar Bugeja kif *gia`* ingħad issemma li l-attur kien kreditur ta' somma oħra – appuntu l-kreditu li joħroġ mill-iskrittura li tat lok għal din il-kawża. Għalhekk il-Qorti tħoss li m'għandhiex tikkunsidra li l-attur irrinunzja għall-azzjoni legali fil-konfront ta' Gauci u anke jekk kien għamel dan, iċ-ċirkostanzi saru tali li tali rinunzja ma kellhiex tfisser li huwa jibqa' mċaħħad mill-flus li kien ħareġ.

""**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-somma ta' mija u erbgħa u sittin elf, mitejn u erbgħa u erbgħin Euro u tnax-il ċenteżmu tal-Euro (€164,244.12), ossija sebgħin elf, ħames mija u għaxar Liri Maltin (Lm70,510), bl-imgħaxijiet min-notifika taċ-ċitazzjoni. Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż tal-kawża jkunu bla taxxa. Il-Qorti tordna li s-sentenza tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jinvestiga jekk kienx hemm ksur tal-liġi u f'każ li dan jirriżultalu jieħu l-passi legali fil-konfront ta' dawk il-persuni li kien responsabbli għal dan il-ksur.**"

"**Rikors tal-appell tal-konvenuti Joseph u Carmen konjugi Gauci.**

"Minn din is-sentenza appellaw biss il-konjugi Joseph u Carmen Gauci. Huma hassewhom aggravati bid-digriet u

sentenza surriferita tal-ewwel Qorti u interponew appell minnhom b'rikors prezentat fid-29 ta' Jannar 2008.

"In succinct, l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti:

1. "L-ewwel Qorti erronjament cahdet l-eccezzjoni li l-pretensjonijiet attrici huma afflitti minn kawza illecita billi kienu kontra d-dispozizzjonijiet valutarji tal-allura *Exchange Control Act*. Huma jsostnu li la darba mhux biss il-metodu ta' versament, izda anke n-natura intrinsika tan-negozju kienet afflitta b'illegalita`, ma jistax ikun hemm azzjoni ghall-hlas.

2. "Fit-tieni lok l-ewwel Qorti erronjament ma ppermettietx li tinghatha eccezzjoni ulterjuri li l-atturi ma kellhomx interess guridiku meta rrizulta li parti mill-flus ma kienux jappartjenu lill-atturi izda kienu tal-familjari taghhom.

3. "L-ewwel Qorti skorrettament ma qisitx ir-rinunzja permezz ta' skrittura li saret quddiem l-awditur Joseph Dingli u awtentikata minnu. L-appellanti kienu wrew sufficjentement l-ezistenza ta' din l-iskrittura u li l-original ma kienitx ghandhom. Il-kwistjoni tal-polza ta' assikurazzjoni ma kienitx bizzejjed biex tinvalida r-rinunzja u dan il-punt gie konsidrat mill-Qorti meta lanqas gie sottomess mill-kontroparti, ghalhekk il-Qorti ma kienitx proceduralment korretta meta ddecidiet punt li ma tqajjimx quddiemha.

4. "Fir-raba' aggravju, il-konvenuti jsostnu li l-ewwel Qorti malament interpretat il-fatti fis-sens li ma fehmitx li l-flus ma ghaddewx b'titolu ta' self izda kienu fin-natura ta' partecipazzjoni aleatorja fejn l-atturi dahlu ghar-riskju f'negozju kummercjali. Anke jekk jigi stabbilit li l-flus verament ghaddew, Gauci ma rcevihomx, u lanqas b'titolu ta' self. Il-konvenuti jissottomettu li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw it-talba taghhom kif rikjest fil-kamp civili.

5. "Fil-hames aggravju l-konvenuti jsostnu li l-ewwel Qorti skorrettement akkoppjat l-iskrittura tad-19 ta'

Frar 1993 mad-debitu pretiz, meta fil-fatt ma kien hemm ebda konnessjoni.

6. “Fl-ahharnett il-konvenuti jghidu li l-Qorti applikat hazin il-principju dwar is-solidarjeta` passiva bejn il-partijiet. Il-punt huwa li, kienet x’kienet ir-relazzjoni originali, din tbiddlet bir-rinunzja li ghamel l-attur fil-konfront tal-konvenut.

“Ghal dawn ir-ragunijiet l-appellanti konjugi Gauci talbu r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti billi din il-Qorti tichad t-talbiet attrici, u f’kaz li din it-talba ma tintlaqax, tirrevoka d-digriet tas-17 ta’ Novembru 2005 u tammetti l-prezentata ta’ risposta guramentata ulterjuri.

“**Risposta u kontestwali appell incidentali tal-atturi Gaetano u Mary konjugi Abdilla.**

“L-atturi appellati wiegbu li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma salv dak li se jigi sottomess dwar l-appell incidentali rigwardanti l-kundanna ghall-hlas tal-imghax u l-ispejjez tal-kawza (fol. 11 tal-atti tal-appell).

“Dwar l-ewwel aggravju, l-appellati ssottomettew li sabiex it-talbiet taghhom ikunu afflitti minn kawza illecita, l-obbligazzjoni illi huma jkunu jridu jinforzaw gudizzjarjament trid tkun illecita. Il-Qorti ma tistax tinforza obligazzjoni li hija kontra l-ligi u l-ordni pubbliku, izda dak li l-appellati talbu li jigi inforzat huwa obbligazzjoni ta’ radd lura ta’ somma mislufa; u mhux rilevanti f’liema munita thallsu l-flus mill-appellati lill-konvenuti.

“It-talba tal-appellanti biex jigi revokat id-digriet tas-17 ta’ Novembru 2005 hija irrita u nulla billi t-talba fir-rikors tal-appell saret b’mod sussidjarju f’kaz li din il-Qorti ma tilqax l-ewwel talba u ghalhekk din it-talba ma tistax tintlaqa’ minghajr ma tigi revokata s-sentenza appellata u allura minghajr ma tintlaqa’ wkoll l-ewwel talba. Inoltre l-ewwel Qorti kienet korretta meta cahdet it-talba ghall-prezentata tal-eccezzjoni ulterjuri billi din saret fi stadju avvanzat tal-proceduri u l-konvenuti kienu jafu mill-bidu nett minfejn kienu gejjin il-flus stante li l-attur kien hallas b’*cheques*.

Inoltre ir-relazzjoni guridika kif tirrizulta mill-iskrittura kienet biss bejn l-attur u l-konvenut.

“Dwar it-tielet aggravju, l-appellati jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet korretta fl-apprezzament li ghamlet u hi ma ddecidiet xejn oltre t-talbiet u l-eccezzjonijiet, imma ziedet argument ghaliex hasset li l-atturi ma kienux irrinunzjaw ghall-pretenzjonijiet taghhom.

“Ir-raba’ aggravju, skond l-appellati, huwa wkoll infondat, billi l-iskrittura li fuqha hija bbazata l-pretenzjoni attrici f’din il-kawza ssemmi kjarament li l-flus kienu avvanzati bhala self.  Lanqas ma hu minnu li skond din l-iskrittura l-flus kienu restitwibbili biss f’kaz li ma jigux utilizzati.  Lanqas ma hemm lok ghal xi eccezzjoni ulterjuri dwar uzura, billi l-attur qed jitlob lura biss is-somma mislufa u mhux il-LM 200,000 imsemmija fl-iskrittura.

“L-aggravju l-iehor, li ma kien hemm ebda relazzjoni bejn l-iskrittura tal-1993 u d-debitu pretiz, ukoll m’ghandhiex tigi milqugha billi in effetti f’din l-iskrittura Gauci kien intrabat li mill-qliegh li kien ser jaghmel mill-bejgh ta’ xi proprjeta`, huwa jhallas parti mid-dejn mertu ta’ din il-kawza.

”Kwantu ghas-solidarjeta` tal-konvenuti din tirrizulta mill-iskrittura.

“**Appell Incidentali**

“L-atturi appellati hassewhom aggravati bis-sentenza surreferita, u interponew appell incidentali minnha b’dawn iz-zewg aggravji:
L-ewwelnett l-imghaxjiet ghandhom jithallsu mid-data tal-ittra ufficjali, cioe` mit-22 ta’ Novembru 1991 meta gew interpellati l-konvenuti kollha biex ihallsu, u mhux mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kif deciz mill-ewwel Qorti.

“Fit-tieni lok, ma kienx hemm raguni ghalfejn l-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, meta l-Qorti laqghet it-talbiet attrici kollha kif mitluba.

“Ghaldaqstant l-atturi talbu li tigi revokata dik il-parti tas-sentenza fejn il-konvenuti gew ikkundannati jhallsu l-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, u minflok tiddikjara li dawn jibdew jiddekorru mit-22 ta’ Novembru 1991; tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn iddikjarat li l-ispejjez jibqghu bla taxxa u minflok tiddikjara li l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-konvenuti; u fl-ahharnett tikkonferma l-bqija tas-sentenza

“**Risposta ghall-appell incidentali**

“L-appell incidentali gie kontestat mill-konvenuti konjugi Gauci li ssottomettew li l-ewwel Qorti kellha dritt tezercita d-diskrezzjoni taghha kwantu ghall-imghax u l-spejjez.

“**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

“Il-Qorti tibda biex tissenjala, b’referenza ghal dak sottomess mill-appellanti li din l-Qorti ghandha terga’ tidhol fil-valutazzjoni tal-provi ghax saru zbalji ta’ fatt u ta’ dritt mill-ewwel Qorti (ara l-ahhar parti tal-paragrafu 12 tar-rikors tal-appell), illi l-Qorti tal-Appell, bhala Qorti ta’ revizjoni, dejjem taghmel il-valutazzjoni taghha tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti biex tara jekk, abbazi ta’ dawk il-provi, dik il-Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li fil-fatt tkun waslet ghaliha. Jekk dik l-Qorti setghet tasal, ragjonevolment u legalment, ghal dik il-konkluzjoni, allura din il-Qorti generalment ma tiddisturbax l-apprezzament li jkun sar.

“Issa, il-bazi ta’ din il-kawza hija skrittura privata datata 19 ta’ Mejju 1991 iffirmata mill-attur Gaetano Abdilla u l-konvenuti Joseph Gauci, Tarcisio Cardona u John Mary Cardona. Il-partijiet kwazi ma jaqblu xejn dwar kif saru l-affarijiet wara l-iffirmar ta’ din l-skrittura, bl-attur Abdilla jsostni li s-self baqa’ ma thallasx lura u l-konvenuti jsostnu, fost affarijiet ohra, li Abdilla ma kienx sellifhom izda rriskja maghhom l-istess somma. Lanqas ma jaqblu l-partijiet Gauci u Abdilla li giet iffirmata skrittura fejn saret rinunzja da parti ta’ Abdilla ghad-drittijiet li seta’ kellu fil-konfront ta’ Gauci, b’Abdilla jallega li l-istess skrittura giet imbaghbsa mill-appellant Gauci.

"Ghaldaqstant din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina l-aggravji tal-appellanti Gauci.

"Illi l-ewwel aggravju jitratta l-ezistenza ta' kawza illecita stante li l-flus li gew mghoddija lill-konvenuti kienu f'munita estera, liema operazzjoni kellha, fiz-zmien in kwistjoni, bzonn tal-awtorizzazzjoni tal-Bank Centrali[1]. L-appellanti jsostnu illi l-illecita` intrinsika tohrog mill-fatt illi qed tintalab rifuzjoni ta' ammont ta' flus li thallas illegalment u konsegwentement l-atturi ma jistghux jazzjonaw ghal kundanna ta' hlas.

"Illi l-ewwel Qorti ghamlet distinzjoni bejn il-modalita` tas-self u l-kawza tal-kuntratt *de quo* u waslet ghall-konkluzjoni illi l-ftehim *ut sic* ma kienx ibbazat fuq l-ebda kawza illecita. L-appellanti naturalment ma jaqblux ma' dan ir-ragonament u jissottomettu illi l-fatt li s-self sar f'munita estera mhuwiex xi haga marginali, kif qalet l-ewwel Qorti, imma jolqot l-essenzjalita` tal-istess negozju.

"Din il-Qorti hija tal-fehma illi minn qari tal-kuntratt esebit a fol.5 u 6 tal-process ma tirrizulta l-ebda kawza illecita u mkien fl-iskrittura ma jissemma' kif kellhom jigu mislufa l-flus. Meta gew mislufa l-flus jista' jkun li l-mod kif sar kien imur kontra d-dispozizzjonijiet tal-*Exchange Control Act* kif vigenti fiz-zmien in kwisjtoni, pero` dan bl-ebda mod ma jista' jivvizzja l-kuntratt *de quo* stante li l-kawza jew l-obbligazzjoni tal-istess kuntratt kienet is-self bil-promessa tal-hlas lura.

"Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **John Baptist Zammit v. John Grech** (Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri 28 ta' April 2004) fejn f'dak il-kaz il-konvenut eccepixxa li kien hemm kawza illecita f'kuntratt ta' self abbazi tal-fatt li l-imghaxijiet kienu superjuri ghal dawk li trid il-ligi. F'dik is-sentenza intqal: "*Din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-appellant illi l-iskrittura ghandha titqies intrinsikament illecita ghall-fatt tal-indikazzjoni ta' rata ta' nteressi in eccess ta' dak sanzjonat mil-ligi. Ibda biex l-*

[1] Ara xiehda Jesmond Cutajar Vol. II. fol 353.

*attur appellat illimita ruhu biex jiddomanda biss il-hlas tal-bilanc tas-self u mhux ukoll tal-interessi dettaljati fl-iskrittura. Anke kieku pero` l-iskrittura kellha titqies illecita, u allura nulla, dan ma jfissirx illi self ma kienx hemm. Li s-self sar huwa accettat u anke ammess mill-istess appellanti."*

"Anke kieku kellu jigi accettat li kien hemm illecita`, mhux gust li '*ex post facto'* il-konvenuti jippretendu li ghandhom jivvantaggjaw ruhhom bit-turpitudini taghhom stess biex jirrezistu l-hlas minghandhom reklamat. Hu ovvju li l-appellanti qed jittantaw juzaw il-karta regina tal-illecita` tal-kawza tal-kuntratt f'tentattiv ahhari biex jippruvaw jehilsu mill-obbligazzjoni kontrattwali taghhom li huma liberament assumew. Kif rilevat fil-kawza **Antonio Cassar noe v. Boris Arcidiacono**, Qorti tal-Appell, 5 ta' Ottubru 1998, "*id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 987 sa 991 tal-Kodici Civili ma humiex intizi biex jaghtu xi drittijiet lil min ikun konxjament u deliberatament ikkontratta obbligazzjoni b'kawza illecita jew kontra l-ordni pubbliku imma kienu biss intizi bhala deterrent kontra l-ezekuzzjoni ta' tali obbligazzjoni*"**.**

"Ghaldaqstant kif gia` ntqal *supra*, din il-Qorti rriezaminat il-provi kollha kif ukoll l-apprezzament li sar mill-ewwel Qorti biex proprju taccerta ruhha, fl-ambitu ta' dak appena premess, jekk il-konvinzjoni taghha tal-istess provi kellhiex twassalha ghal rizultat u ezitu differenti minn dak li waslet ghalih l-ewwel Qorti. Hi l-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti illi f'dan il-kaz ir-rikunsiderazzjoni tal-atti kollha processwali ma setghux iwassluha ghal konkluzjoni diversa minn dik raggunta mill-ewwel Qorti dwar dan l-aggravju.

"Il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina t-tieni aggravju rigwardanti l-fatt illi almenu parti mill-fondi ma kinux jappartjenu lill-attur u ghalhekk kien jonqos ir-rekwizit tal-interess guridiku. Bhala fatt gie stabbilit, anke minn ammissjoni tal-istess attur, illi almenu parti mis-somma mislufa kienet inharget minn kontijiet li l-attur kellu ma' terzi familjari tieghu. Din il-Qorti ezaminat id-dokumenti immarkati GA1 u GA2 esebiti mill-attur waqt ix-xhieda

tieghu tad-9 ta' Mejju 2005 li minnhom jirrizulta illi parti mis-somma mislufa originat minn kontijiet li l-attur kellu ma terzi jew kontijiet  ta' terzi li l-attur kellu access ghalihom.  Madankollu din il-Qorti hi tal-fehma illi ai fini ta' din il-kawza il-provenjenza tas-somma reklamata <u>hija irrilevanti</u> stante li r-relazzjoni guridika in ezami hija abbazi tal-iskrittura tad-19 ta' Mejju 1991 liema skrittura saret bejn il-partijiet f'din il-kawza biss.  Mill-istess skrittura huwa biss l-attur li jidher li qieghed jaffettwa s-self *de quo*, u ghalhekk certament ghandu kull interess li jippromwovi din il-kawza ghar-restituzzjoni tas-somma kollha mislufa.

"Inoltre l-konvenuti Gauci kienu talbu biex jigu awtorizzati jressqu din l-eccezzjoni fl-1 ta' Novembru 2005 meta l-istess konvenut Gauci kien jaf sew bic-cekkijiet li hargu favur Cardona mill-bidu, u ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tichad it-talba ghal prezentata ta' tali eccezzjoni daqshekk tardivament fil-proceduri.  Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed ukoll jigi michud.

"Illi t-tielet aggravju tal-appellanti Gauci huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti injorat l-iskrittura ta' rinunzja tal-attur Gaetano Abdilla.  Fuq din l-iskrittura tezisti kontroversja shiha.  L-appellanti jsostnu li din giet iffirmata mill-attur hekk kif inhi esebita fil-process filwaqt li l-attur isostni li dak li ffirma ghalih mhux dak li hemm imnizzel illum f'dik l-iskrittura, jew almenu parti minnu gie mizjud wara li huwa kien iffirma.  L-appellant Gauci jsostni l-versjoni tieghu illi l-kopja esebita hija fil-fatt kopja ta' dak li effettivament gie ffirmat minn Abdilla permezz tax-xhieda ta' Joseph Dingli, awditur fl-ufficcju tieghu, li kien iffirma l-istess skrittura bhala xhud tal-firem.

"Jibda biex jinghad illi l-original ta' din l-iskrittura qatt ma gie ezebit f'dawn il-proceduri ghalkemm giet mitluba l-produzzjoni tieghu stante li l-appellant Gauci jghid li dan qieghed ghand Abdilla mentri dan tal-ahhar jghid li l-original zammu Gauci.  L-ewwel Qorti hasset li l-verzjoni li tal-attur kienet iktar verosimili u kkonkludiet ukoll li anke jekk l-attur kien irrinunzja, ic-cirkostanzi saru tali li dik ir-rinunzja ma kellhiex tfisser li huwa jibqa' mcahhad mill-flus

li kien hareg, u dan b'referenza ghall-polza ta' assikurazzjoni li Gauci kien ta bhala *pledge* lil Abdilla, liema polza pero` jista' jkun li llum m'ghadhiex *in vigore* jew illum hi bla valur[2].

"Din il-Qorti ma taqbilx ghal kollox ma' din il-konkluzjoni ghar-ragunijiet segwenti. Il-parti li certament kellha l-ikbar interess li zzomm l-original tal-istess skrittura huwa l-appellant Joseph Gauci, li kellu kull interess juri li m'ghandu jaghti xejn lil Abdilla. Din il-Qorti thoss illi huwa inverosimili li l-appellant Gauci, li hu awditur ta' daqstant esperjenza fis-settur tieghu, u tant intiz dwar il-ligijiet fiskali[3], se jhalli dokument ta' tali importanza minn taht idejh. Fl-opinjoni tal-ewwel Qorti, dak kollu li ghamel l-appellant Gauci, u cioe` l-fatt li ttransunta ghand in-Nutar Pierre Falzon <u>kopja</u> tal-istess ftehim, iktar jitfa' dawl fuq il-fatt li huwa ried akkost ta' kollox li l-kontenut ta' din l-iskrittura jitwemmen. Din il-Qorti pero` hija ta' opinjoni kemmxejn differenti. L-appellant jistrieh ukoll fuq il-fatt li Joseph Dingli fl-1996 iccertifika li l-istess ftehim kien gie ffirmat quddiemu. Madankollu l-istess Joseph Dingli fix-xhieda tieghu tat-22 ta' Ottubru 2001 stqarr li hu ma kienx involut f'dak li kienu qeghdin jiddiskutu Gauci u Abdilla pero` kien biss xhud tal-firem. Din il-Qorti meta rat l-istess skrittura fl-intier taghha thoss illi apparti l-fatt li fit-tieni paragrafu hemm id-data tal-iskrittura nieqsa, it-tielet paragrafu jinnewtralizza l-effetti tal-ewwel paragrafu b'dan illi l-garanzija li Abdilla kellu bil-polza ta' assikurazzjoni, bl-istess paragrafu din setghet tigi terminata b'att unilaterali ta' Gauci. Ghalhekk din il-Qorti ma tantx tara sens li persuna li ghandha tiehu somma konsiderevoli ta' flus tinghata bhala garanzija polza ta' assigurazzjoni u fl-istess nifs taccetta li din il-garanzija tista' tigi terminata jew pleggiata lil terzi minn min ghandu jaghtih minghajr avviz. Ghaldaqstant din il-Qorti, ghal ragunijiet xi ftit differenti mill-ewwel Qorti, hija tal-fehma illi dak li kien miftiehem bejn Gauci u Abdilla <u>kien biss dak kontenut fl-ewwel paragrafu u z-zewg paragrafi ta' wara jidher li zdiedu wara</u>

[2] Ara xiehda ta' J.Bonello a fol 303 u 361 Vol. II.
[3] Ara fol. 43 ta' Volum III

li l-istess skrittura giet iffirmata. Ghaldaqstant l-istess aggravju qieghed jigi michud.

"Aktar minn hekk, din il-Qorti tosserva illi filwaqt li din il-kwittanza suppost giet iffirmata fid-19 ta' Lulju 1992, f'kuntratt sussegwenti u cioe` dak esebit a fol. 7 tal-process, datat 19 ta' Frar 1993, qeghdha terga' ssir referenza ghall-istess self fejn l-appellant Gauci obbliga ruhu li mmedjatament meta jsib it-trasferiment ta' proprjeta` mertu ta' dak il-kuntratt javza lill-appellat Abdilla u jobbliga ruhu li jaghtih il-qliegh rimanenti a favur tal-flus ohra mislufa brevi manu minnu fid-19 ta' Mejju 1991.[4] Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-verzjoni tal-appellant Gauci certament m'ghandhiex mis-sewwa ghaliex kieku veru kellu l-kwittanza minghand l-appellat Abdilla fir-rigward tal-iskrittura tad-19 ta' Mejju 1991, ma kienx se jiddikjara li ghad baqghalu jaghti xi bilanc lill-istess Abdilla rigwardanti s-self brevi manu tad-19 ta' Mejju 1991! Il-versjoni ta' Abdilla ssib konferma fid-deposizzjoni tan-Nutar Bugeja.

"Ir-raba' aggravju tal-appellant hu fis-sens li n-negozju *de quo* qatt ma kien fin-natura ta' self izda ta' *venture capital* fejn l-attur ippartecipa fir-riskju. L-iskrittura tad-19 ta' Mejju 1991 inghatat essenzjalment zewg interpretazzjonijiet mill-partijiet, bl-attur isostni li din kienet skrittura ta' self filwaqt li l-konvenuti Gauci u Tarcisio Cardona isostnu li l-attur Abdilla dahal kompartecipi f'kuntratt aleatorju. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-dicitura tal-iskrittura hija wahda cara fis-sens illi l-attur silef is-somma ta' Lm71,650 lill-konvenuti in solidum bejniethom. L-istess partijiet qablu li l-ammont li kellu jithallas lura lil Abdilla kien ta' Lm200,000 rapprezentanti parti s-somma mislufa u l-bilanc bhala qliegh minn operazzjoni li l-konvenuti Cardona ghamlu fin-Nigeria man-Nigerian National Petroleum Corporation. Inoltre fil-ftehim gie mahsub x'jigri jekk l-operazzjoni tan-Nigeria ma ssirx, f'liema kaz il-flus avvanzati kellhom jinghataw lura sat-28 ta' Mejju 1991.

"Fil-fehma ta' din il-Qorti l-intenzjoni tal-partijiet fuq din l-iskrittura kienet li jsir self u mhux li Gaetano Abdilla ikun

[4] sottolinejar ta' din il-Qorti

ko-partecipi fin-negozju li kellhom fin-Nigeria. L-istess sar fil-kaz ta’ Silvio Buttiggieg, li wkoll silef flus lill-appellanti. Huwa veru li Abdilla kellu jircievi Lm200,000 kieku l-operazzjoni irnexxiet, u f’dan is-sens seta’ kien hemm lok li wiehed jghid li dan is-self kien wiehed kolpit bl-uzura, pero` l-attur f’din il-kawza mhux qieghed jitlob li jigu restitwiti lilu Lm200,000 izda biss il-bilanc tas-somma mislufa. Il-Qorti tirrileva illi l-iskrittura giet miktuba mill-appellant stess, li kif gia` nghad huwa bniedem certament mhux ingenwu, u ghaldaqstant li kieku verament in-negozju ma’ Abdilla kien fis-sens li qieghed isostni, hu certament kien jaf kif ghandu jirredigi l-iskrittura fis-sens li hu qed jallega, u mhux jaghmilha ta’ semplici self.

“Illi di piu` kieku verament Abdilla dahal ghal dan ir-riskju, l-appellant Gauci ma kellux ghalfejn ihossu responsabbli lejh u jaghmillu *pledge* ta’ polza ta’ assikurazzjoni biex jiehu flusu lura. L-azzjonijiet tieghu u cioe` l-*pledge* ta’ polza ta’ assikurazzjoni favur l-attur u dak li qieghed isostni fl-aggravju tieghu huma kontradittorji.

“L-appellanti jillamentaw ukoll mill-apprezzament tal-provi da parti tal-ewwel Qorti. Huma jsostnu li qari tas-sentenza jindika illi l-ewwel Qorti qaghdet aktar fuq aspetti ta’ probabbilita` u ta’ verosomiljanza. Din il-Qorti tibda billi tosserva li fin-nuqqas ta’ provi li juru li tezisti raguni jew ragunijiet serji u gravi bizzejjed li jiddettaw mod iehor, din il-Qorti tat-tieni grad kemm jista’ jkun ma tiddisturbax dak l-apprezzament u dik l-evalwazzjoni tal-provi li jkunu saru mill-ewwel Qorti, u li, allura, tkun qeghda fl-ahjar qaghda li tisma’, tikkontrolla u tevalwa l-istess provi u xhieda prodotta u mismugha quddiemha. Fit-tieni lok, imbaghad, minn ezami akkurat tal-provi akkwiziti, din il-Qorti ma jidhrilhiex li kien hemm xi apprezzament zbaljat jew xi konkluzjoni erroneja min-naha tal-ewwel Qorti. Huwa minnu li fix-xhieda moghtija minn Jimmy Cardona quddiem l-ewwel Qorti, u din aktar minn sittax-il sena wara li giet iffirmata l-iskrittura tas-self, l-istess xhud kien titubanti fuq certi mistoqsijiet u kellu certi amneziji li jistghu jkunu wkoll gustifikati; pero` fl-ahhar mill-ahhar huwa kkonferma illi dak li kien ha gurament fuqu fl-affidavit tieghu pprezentat u mahluf fl-20 ta’ Gunju 1998 kien jaf

x'fih qabel iffirmah u li hadd ma heddu biex jiffirma l-istess, u dan kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellanti fl-appell taghhom illi l-istess Cardona halef l-affidavit minghajr ma kien jaf dwar il-kontenut tieghu. Din il-Qorti ma ssib l-ebda gustifikazzjoni valida ghala ghandha tiskarta l-affidavit ta' Cardona kif suggerit mill-appellanti. Ghaldaqstant din il-Qorti thoss illi hemm provi adegwati u sufficjenti li jindikaw li ghandha tipprevali l-verzjoni tal-fatti kif premessi mill-atturi appellati u kif accettati mill-ewwel Qorti.

“Aggravju iehor huwa illi l-ewwel Qorti malament akkoppjat skrittura datata 19 ta' Frar 1993 mal-mertu tal-kawza u din l-iskrittura giet esebita biex tizgwida lill-Qorti stante li l-mertu taghha ma kellu x'jaqsam xejn mal-iskrittura tal-1991. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa infondat stante illi jirrizulta ampjament car illi fl-iskrittura tal-1993 qieghda issir referenza cara ghas-self li sar mill-appellant Abdilla lil Gauci fuq l-iskrittura tal-1991. L-appellant Gauci ma gab l-ebda prova illi fl-istess gurnata li saret l-iskrittura tal-1991 kien hemm xi self *brevi manu* iehor da parti ta' Abdilla. Ghaldaqstant l-uniku self *brevi manu* li jirrizulta li sar fid-19 ta' Mejju 1991 kien dak emergenti mill-istess skrittura li saret referenza ghaliha fl-iskrittura tal-1993. L-appellanti jaghmlu wkoll referenza ghall-ittra ufficjali datata 22 ta' Novembru 1991 li giet esebita man-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellati u jghidu li lanqas din l-ittra ma kellha x'taqsam mal-mertu tal-kawza u kienet tirreferi ghal transazzjoni ohra. Jigi rilevat li f'din ic-cirkostanza ma hemmx lok ghal xi interpretazzjoni alternattiva. Dak li tghid l-ittra ufficjali huwa car u inekwivoku, u m'hemmx bzonn ta' hafna izjed kummenti.

“L-ahhar aggravju tal-appellanti huwa li ma ghandhiex tissussiti solidarjeta` passiva bejn il-partijiet. Illi jekk wiehed jerga' jhares lejn l-iskrittura *de quo* din testwalment tghid is-segwenti: *“Iz-zewg partijiet jaqblu li s-Sur Gaetano Abdilla silef is-somma ta' Lm71,650 Maltin lill-partijiet l-ohra kollha indaqs, u in solidum”*. Din il-Qorti terga' tirribadixxi illi certament l-appellant Gauci mhux xi persuna ingenwa jew xi kavernikolu u certament kien jaf

ezattament xi tfisser il-frazi *"in solidum"* u ghalhekk ma jistax issa jippretendi li dak miftiehem fuq l-istess skrittura jigi interpretat mod iehor. Huwa ammess mill-istess appellant illi anke in mankanza ta' tali dicitura inekwivoka, f'obbligazzjonijiet kummercjali hemm il-prezunzjoni tas-solidarjeta`. L-appellant qieghed jghid illi stante li kien hemm ir-rinunzja da parti tal-appellat Abdilla allura l-obbligazzjoni da parti tieghu fil-konfront Abdilla spiccat. Stante li din il-Qorti diga` ppronunzjat ruhha aktar 'il fuq dwar din ir-rinunzja, qeghda tichad dan l-aggravju.

"**Appell Incidentali**

"Illi din il-Qorti sejra issa tezamina l-appell incidentali tal-appellat Abdilla.

"L-ewwel aggravju jirrigwarda id-dekors tal-imghax fuq is-somma li l-appellanti gew ikkundannati jhallsu. L-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenuti jhallsu imghax fuq is-somma ta' Lm70,510 min-notifika tac-citazzjoni. L-appellanti jsostnu li l-imghax kellu jibda jiddekorri mit-22 ta' Novembru 1991 u cioe` minn meta giet prezentata l-ittra ufficjali interpellatorja kontra l-konvenuti.

"L-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li *jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita.*" F'kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom jghaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Ghalkemm fl-iskrittura tal-1991 ma ssemma' l-ebda terminu entro liema kellu jigi restitwit is-self, l-appellati jsostnu li huma kienu gew imweghda li fi zmien gimgha se jithallsu lura. Madankollu din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi <u>l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru 1991</u>.

"It-tieni aggravju tal-appellati Abdilla jikkoncerna l-ispejjez tal-kawza. L-ewwel Qorti ddecidiet li fic-cirkostanzi l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Din

il-Qorti hi tal-fehma li anke dan l-aggravju huwa gustifikat stante li ma kien hemm l-ebda raguni tajba ai termini tal-Artikolu 223 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li in vista taghha l-ispejjez kellhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

"**Decide**

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appelli kif gej:-

"1. Tichad l-appell principali tal-konvenuti Gauci bl-ispejjez kontra taghhom;

"2. Tilqa' l-appell incidentali tal-atturi u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu ddecidiet li l-imghaxijiet fuq is-somma ta' Lm70,510 ghandhom jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u wkoll illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa, u minflok tiddeciedi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jiddekorru mit-22 ta' Novembru 1991 u li l-ispejjez tal-ewwel istanza ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-konvenuti in solidum.

"Spejjez tal-appell incidentali ghall-konvenuti Gauci."

Dawn il-proceduri ta' ritrattazzjoni saru biss mill-konvenuti Gauci li qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-Artikolu 811(e) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Qed jigi sottomess illi la darba gie ppruvat li s-self in kwistjoni sar bi ksur tal-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju vigenti f'dak iz-zmien, l-istess kuntratt kellu jigi dikkjarat milqut b'kawza illecita u kwindi null u bla effett.

Din il-Qorti, minghajr ma toqghod tikkwota mill-gurisprudenza kopjuza in materja, tirribadixxi l-principji li r-regoli ta' ritrattazzjoni ghandhom jinghataw interpretazzjoni stretta, anke biex ma jinghatax lok ghal tentattivi tat-tielet appell, li mhux koncess fis-sistema procedurali Malti. Talba ta' ritrattazzjoni a bazi tal-Artikolu 811(e) timplika applikazzjoni ta' ligi hazina, cioe`, uzu ta' provvediment tal-ligi flok iehor li kellu jigi applikat, u ma hemmx kaz ta' applikazzjoni hazina tal-ligi f'cirkostanzi li

jinvokaw l-interpretazzjoni tal-istess ligi applikabbli, anke jekk dak li jkun jista' ma jaqbilx mal-interpretazzjoni moghtija. Fi kliem iehor, biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza mpunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz u mhux li applikat il-ligi tajba, fil-fehma tieghu, b'mod hazin.

Issa f'dan il-kaz, hu car li din il-Qorti ma applikatx il-ligi hazina. Gie sottomess ghall-konsiderazzjoni taghha li l-kuntratt ta' mutuum kien illecitu ghax kien jikkontempla rifuzjoni tal-istess f'muniti esteri. Din il-Qorti rrikonoxxiet li dan seta' kien hekk u osservat ukoll li jista' jkun li gew miksura r-regoli tal-Att dwar il-Kontroll tal-Kambju kif allura vigenti. Il-Qorti, pero`, wara li kkonsidrat l-Artikoli 985 sa 987 tal-Kodici Civili, esprimiet il-fehma li dawn ic-cirkostanzi ma jwasslux li l-ftehim kien milqut b'kawza illecita. Kull ma ghamlet din il-Qorti hu li fissret u applikat id-dispozizzjonijiet tal-ligi invokati ghall-kaz, u sabet li, kuntrarjament ghas-sottomissjoni tar-ritrattand, ma jezisti ebda ostakolu ta' "kawza illecita" ghat-talba attrici. Fil-kawza fil-meritu, l-eccezzjoni tar-ritrattand kienet li l-pretensjonijiet attrici huma insostenibbli ghax huma afflitti minn kawza illecita, u din il-Qorti, fit-trattazzjoni ta' din l-eccezzjoni, u wara li ezaminat il-provi, qalet li ma tezistix "kawza illecita". Dan ghamlitu wara li ezaminat id-dispozizzjonijiet tal-ligi applikabbli.

Din il-Qorti, fil-kawza **Bonett v. Borg et.**, deciza fis-6 ta' Ottubru, 1999, kienet diga` osservat li self bi ksur tal-provvedimenti tal-Banking Act ma jfissirx li l-istess hu milqut b'kawza illecita, u f'din il-kawza din il-Qorti applikat l-istess principju, fis-sens li qalet li self bi ksur tar-regolamenti finanzjarji jista' jwassal ghal sanzjonijiet kriminali kontra l-persuni involuti, izda ma jrendix null jew illecitu l-istess self. Wiehed jista' ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni tal-ligi, pero`, bl-ebda mod ma jista' jinghad li saret xi applikazzjoni hazina tal-ligi (ara f'dan is-sens il-kawza ta' ritrattazzjoni **Pont v. J.L.J. Construction Co. Ltd**, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru, 2009).

Il-ligi tghid li ma jkunx hemm l-applikazzjoni hazina tal-ligi meta tkun qamet kwistjoni dwar interpretazzjoni tal-ligi li trid tigi applikata u l-Qorti tkun espressament tat decizjoni fuq l-istess kwistjoni ta' interpretazzjoni. L-ipotezi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkreta ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni manifesta ta' ligi espressa u cara u mhux soggetta ghall-interpretazzjoni, razzjoncinji jew argumenti – kif appuntu kien il-kaz prezenti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mit-talba ghat-thassir tas-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Mejju, 2010 u ghar-ritrattazzjoni tal-istessipprezentata minn Joseph u Carmen konjugi Gauci, billi tichad l-istess talbiet.

L-ispejjez jithallsu mill-imsemmija konjugi Gauci in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------